# Bandisti Żgħażagħ fi ħdan is-Soċjetà

*Clayton Vella*
*Chairperson - Kummissjoni Banda u Kor*



Reġgħet waslet il-festa tagħna! Kif jgħaddi ż-żmien! Erġajt ninsab qed nikteb kelmtejn fuq il-ktieb tal-festa li l-għaqda Mużikali Imperial toħrog ta' kull sena fl-okkażjoni tal-festa Ad Unur Marija Bambina. F'dawn il-kelmiet ser nagħti ħarsa ta' kemm huwa importanti illi Għaqda Mużikali jkollha bandisti żgħażagħ fi ħdanha.

Illum il-ġurnata, fi programm li banda ttella', kemm dak ta' żmien il-festa kif ukoll xi programmi oħra li jkollha matul is-sena, l-għażla tal-mużika li jagħżel is-surmast direttur hija ferm differenti minn dik li tkun indaqqet fi żminijiet preċedenti. Qabel kont tmur tisma' programm mużikali u tista' tgħid li kien ikun programm kollu bbażat fuq mużika operistika. Illum il-ġurnata għad fadal nies li jħobbu jisimgħu dik it-tip ta' mużika imma l-ammont naqas drastikament. Allura wieħed irid jaġġorna ruħu billi tindaqq mużika addattata għall-udjenza li jkollu tisimgħu. Mużika aktar moderna. Dan irid isir mingħajr ma tarmi tal-imgħoddi. Allura programm mużikali għandu jkun varjat biex jolqot lil kull min qed jisimgħu.

Dan jgħodd ukoll għall-bandisti li jkunu qed idoqqu. F'għaqda mużikali huwa ferm importanti li jkollok żgħażagħ, flimkien ma' dawk aktar adulti, għax b'hekk wieħed ikun jista' jgħin lill-ieħor fejn jidħol kunċett ta' mużika moderna, fejn illum issib mużika b'tempijiet li fl-imgħoddi ma kinux jintużaw. Għalhekk irid ikun il-bandist żagħżugħ li bl-entużjażmu tiegħu jgħin lil dak il-bandist aktar veteran minnu. Dan għandu jsir imma b'mod ta' koperazzjoni flimkien. Ġieli jkollok mumenti fejn il-moħħ tal-bniedem jgħidlek 'issa kbirt u ilni ndoqq, ħa nwarrab!' Dan mhux dejjem għandu jkun il-każ għax kulħadd għandu x'joffri. L-adult għandu l-kunfidenza għax għandu l-esperjenza peress li jkun ilu jdoqq u għalhekk għandu jgħin lil dak il-bandist żagħżugħ f'dan ir-rigward. Min-naħa l-oħra mbagħad, il-bandist żagħżugħ jista' jgħin peress li llum tilgħin f'ambjent mużikali differenti.

Illum il-ġurnata sfortunatament qegħdin ngħixu f'soċjetà fejn it-tfal, bejn skola, privatijiet, sports u xi naqra xogħol fi żmien il-vaganzi, ftit għadek issib min ikun irid jitgħallem xi strument mużikali. Għalkemm il-banda hija mod ta' kif il-ġisem jirrilassa, trid teħodha b'determinazzjoni u tkun kuntent li qed iddoqq għax inkella tkun qed taħli l-ħin tiegħek innifsek u ta' min ikun qed jieħu l-paċenzja kollha biex jagħtik dak it-tagħlim mużikali.

Nagħlaq dan il-messaġġ billi nħeġġeġ lil dawk iż-żgħażagħ biex jersqu 'l quddiem u jibdew jitgħallmu xi strument mużikali, għax huwa bl-element żagħżugħ li l-għaqda tista' timxi 'l quddiem.

VS WHOLESALE

103, Ta' Masrija, Mellieħa

Mobile: 79603243